MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 564/2014

**Mark Bugeja**

**Vs**

**Christopher Caruana u Joann Caruana**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-26 ta' Gunju 2014 l-attur talab minghand il-konvenuti l-hlas ta' tmintax-il elf ewro (€18,000) ammont dovut skond skrittura data 8 ta' Awissu 2013 li biha l-attur ta b'self s-somma ta' €35,000 (Dok. A), liema somma kellha tithallas lura fuq perjodu ta' 18 il-xahar b'sehh mill-1 ta' Settembru 2013.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti waqt is-seduta tal-lum fejn ammettew it-talbiet tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) wara li llum hallsu s-somma ta' €1,000. Fatt konfermat mid-difensur tal-attur.

**Fic-cirkostanzi tilqa' t-talbiet tal-attur u:-**

1. **Tiddikjara li l-konvenuti huma flimkien u solidalment debituri tal-attur fis-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) u li huma tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom koncess ghall-hlas.**
2. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000).**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti u bl-imghax jiddekorri skond kif jinghad fi klawzola (c) tal-iskrittura Dok. A**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------